

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 119/2012

tal-15 ta' Ġunju 2012

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI ta' mal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 98/2012 tat-30 ta' April 2012 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1051/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, fir-rigward tal-istruttura tar-rapporti ta' kwalità u t-trażmissjoni tad-dejta ⁽²⁾, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 7c (ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XXI ta' mal-Ftehim:

"7ca. **32011 R 1051:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1051/2011 tal-20 ta' Ottubru 2011 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar

l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, fir-rigward tal-istruttura tar-rapporti ta' kwalità u t-trażmissjoni tad-dejta (ĠU L 276, 21.10.2011, p. 13)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1051/2011 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-16 ta' Ġunju 2012, kemm-il darba n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ^(*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 118/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 ⁽³⁾, liema minnhom ikun l-aktar tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ġunju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

⁽¹⁾ ĠU L 248, 13.9.2012, p. 36.

⁽²⁾ ĠU L 276, 21.10.2011, p. 13.

^(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostitutazzjonali.

⁽³⁾ Ara l-paġna 41 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.